# GUŻE' MUSCAT-AZZOPARDI

(Taħdita letterarja mqassra magħmula fil-*Union* ta' l-Università lill-Istudenti tal-Għaqda tal-Malti [Università]).

*Int ħadt f'idejk il-kelma li mhix fqira*
*mill-fomm ta' ġensna, rqomtha, ħdimtha sewwa,*
*u tajtna tal-Maltin l-isbaħ tifkira.*
(Dun Karm).

GUŻE' MUSCAT-AZZOPARDI hu l-ewwel Malti li ta xeħta moderna lill-letteratura ta' lsienna. Il-kitba—ma kinetx wisq— li dehret fiż-żmenijiet ta' qabel, fiha s-sabiħ u l-ikraħ tagħha: is-sabiħ għax kienet l-ewwel kitba li wriet li l-Malti jista' jinħadem jekk ikun hawn min jaf jaħdmu; l-ikraħ għaliex il-kittieba ta' dak iż-żmien setgħu mxew fuq ix-xempji kbar ta' letteraturi barranin li dik il-ħabta kienu fl-aqwa tagħhom, ħasslu tagħlim u idijat mill-oqsma kbar bla tarf tal-għerf li kien qed jixtered ma' l-erbat irjieħ, u tawna xi ħaġa wisq aħjar milli tawna. Ġużè Muscat-Azzopardi ra dak il-baħħ, ma setax ma jħossx għafsa f'qalbu għax-xejn letterarju li konna fih, u b'rieda li ma tafx biża' xammar biex jiġġieled... bil-pinna.

Kiteb qatigħ. Imma kitbitu ma kinetx dejjem tajba, jew aħjar, ma kinetx dejjem għolja. Bosta drabi kiteb bla ma ħass l-ispirazzjoni, u għalhekk il-kitba ħarġitlu mġebbda u mxattra. L-aktar dik il-kitba li nsibuha fl-ewwel taqsima ta' ħajtu, nieqsa minn kull ġmiel u mill-fakultajiet kollha inventivi. Miktuba għall-poplu ċ-ċkejken, li kollox jogħġbu u li ma għandu ebda sens tas-sabiħ, ma setgħetx tkun għolja, ma setgħetx maż-żmien titqiegħed fost ix-xogħlijiet letterarji bil-Malti, għax fiha la kien hemm qawwa lanqas ħajja. F'din l-ewwel taqsima tal-ħajja tiegħu letterarja Ġużè Muscat-Azzopardi m'għarafx mill-ewwel jagħti dik ix-xejra meħtieġa biex il-poeżija tiegħu togħla u tistagħna, xejra li turi fih *l-artista.* B'riżq tajjeb, dan fehmu żmien wara, iż-żmien tal-Qawmien Malti, li tiegħu hu kien il-bidu.

Imma fit-tieni taqsima ta' ħajtu Ġużè Muscat-Azzopardi wriena kif il-kelma Maltija tista' titħaddem u tiltewa għal kull xejra ta' ħsieb u tfisser f'poeżija li tingħoġob l-idejiet u x-xbihat kollha kbar li jistgħu jgħaddu f'leħħa ta' berqa minn moħħ il-poeta. Jekk Ġużè Muscat-Azzopardi sab il-poeżija tagħna mhix maħduma, ħarxa u iebsa, iżda mhux hekk hu ħallieha lilna. Il-lum aħna nistgħu ngħidu dak li Dr. Johnson qal dwar il-poeta Ingliż Drayton "he found it brick and he left it marble." Bħala poeta Ġużè Muscat-Azzopardi fetaħ it-triq tal-poeżija Maltija għal dawk li ġew warajh. Ma jimpurtax jekk il-poeżija tiegħu mhux dejjem kienet tajba, meqjusa u qawwija. Ma jimpurtax jekk il-ħsebijiet tiegħu mhux dejjem għolew 'il fuq iżda, l-aktar fil-bidu, żammew irwieħhom fil-livell baxx li seta' jilħaqhom bla tbatija l-poplu mhux imgħallem. Għalkemm dawn il-poeżiji tal-bidu ma setgħux jagħmlu isem, imma hu beda jħoss li t-triq li kien miexi fiha kienet ser twasslu għal ħajja aħjar, għal saltna ta' poeżiji akbar u isbaħ. U hekk kien; għaliex maż-żmien

laħaq il-livell ta' poeta li ħafna jippruvaw, imma li ftit jirnexxilhom, jilħqu.

Fil-poeżiji ta' Ġużè Muscat-Azzopardi nsibu żewġ fatturi dijametralment kontra xulxin: l-ewwel fattur jagħtina poeżija bla ġmiel; it-tieni, poeżija ispirata u maħduma kif titlob is-sengħa.

Niġbru taħt din l-ewwel ras poeżiji bħalma huma *Ta' l-Ilma*, *Tal-Pastizzi*, *Lis-Sur Karmenu Gauci*, *Bluha Tfiq b'Oħra*, *Kummerċ Libru*, *Il-Pittiross*, *Strina* u ħafna oħrajn. Fihom ma nsibu ebda sentiment veru u qawwi li jolqot il-qalb ma' kull medda ta' żmien. Issib waqtiet dak is-sentimentaliżmu kiesaħ, iblah, fieragħ. Għandhom ix-xeħta tal-għana popolari, mimlija b'għadd ta' kliem u frażijiet ħaffiefa, bi ħsebijiet imtennija, b'fantasija dgħajfa u mġebbda. M'hemm ebda dinja ta' immaġinazzjoni li fiha timraħ il-fantasija ħafifa, ħelwa, ħarqiena. M'hemm ebda passjoni jew ġibda ta' mħabba kbira mfissra b'riflessjonijiet ħajja. M'hemm anqas l-iċken ħjiel ta' tpittir mirqum u floku, ta' tiżwiq ta' xbihat, ta' tiswir għani li jgħolli u jżejjen dak il-karattru nazzjonali li kieku l-qabbiel xtaq, imma għalxejn, li jnaqqax fil-poeżija tiegħu. Għidt "qabbiel" u mhux "poeta". Għax f'dit-taqsima tal-ħajja li fuqha qed nitkellmu ma niltaqgħux ħlief ma' taqbiliet, imħarbxa milli jidher f'radda ta' salib, bla ebda siwi letterarju.

Hemm qabża kbira bejn taqsima u oħra. U nista' ngħid it-triq bdiet titwitta meta l-poeżija kien beda jħossha, u jiktibha biss meta jħoss ruħu mqanqla. Kellu s-sentiment għani imma kien għad ma kellux l-immaġinazzjoni għalliela. U meta maż-żmien is-sentiment inissel l-ispirazzjoni, u minn naħa l-oħra l-ispirazzjoni bdiet trabbi xbihat fantastiċi u immaġinazzjoni sabiħa, hemmhekk Ġużè Muscat-Azzopardi beda jagħtina poeżija, ġieħ u ġmiel ta' lsienna letterarju. Meta fittex li jiftiehem superfiċjalment, tana biss taqbiliet bla ħajr u bla ħajja; imma meta fittex li jolqot il-moħħ u l-qalb f'ħin wieħed, il-poeżija tiegħu kien fiha x'ittiegħem, x'tixtarr u x'tomgħod. Mat-tqanqil u t-tifsir tas-sentiment bdejna naraw jieħħ id-dawl tal-personalità. Mal-personalità bdejna naraw u nħossu n-naturalezza, il-vitalità, l-oriġinalità. Fil-poeta bdejna naraw l-artista. Hu kien il-bidu ta' moviment ġdid fil-poeżija, għalkemm l-influwenza tiegħu bdiet tinħass snin wara. Nistgħu nqisuh bħala l-poeta tradizzjonali u rivoluzzjonarju, żewġ kelmiet li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn taħsibhom kontra xulxin. Tradizzjonali, għax żamm mill-aħjar li seta' t-tradizzjonijiet għanja ta' pajjiżu. Rivoluzzjonarju, għax qalleb bħal mil-lejl għan-nhar ix-xejriet u l-karatteristiki tal-kitba Maltija u fetaħ skola ġdida ta' poeżija moderna. Bis-saħħa tiegħu, it-teknika ta' poeti barranin, l-aktar Taljani, intirtet mill-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' warajh. Kien hu li fetaħ beraħ it-triq lill-poeti tagħna. Kien hu li tana poeżija ta' siwi meta fehem tabilħaqq is-setgħat moħbija ta' qalbu, u meta fi ħsiebu baqbaq, sħun u safi u qawwi, l-ispirtu ta' mħabba mħeġġa mixgħula bin-nar ta' l-ispirazzjoni.

Kellu s-sentiment, imma kien għadu dgħajjef fl-immaġinazzjoni u f'dawk il-karatteristiki letterarji li jagħtu l-poeżija xeħta suret in-nies. Is-sentiment li jitwieled mill-passjonijiet, mill-ġibdiet u minn kull ma tħoss il-qalb, jitnissel qabel l-immaġinazzjoni li tixgħel meta l-bniedem jibda jagħraf u jifhem aktar lid-dinja ta' madwaru. It-tnejn flimkien, im-

sieħba mas-sengħa ta' l-espressjoni, joħolqu poeżija kbira. Nieħdu l-poeżija *Il-Farfett* ta' Ġużè Muscat-Azzopardi u *Mewt* ta' Dun Karm, it-tnejn jitkellmu u jpinġu suġġett wieħed, it-tnejn tolqothom bejn wieħed u ieħor l-istess ħaġa, imma bejniethom hemm divrenzja kbira, imħabba li Dun Karm għaraf inaqqax ħsibijietu b'sengħa akbar, b'kelma aħjar, aktar mimlija, aktar meqjusa, u b'versi aqwa.

L-istess ħaġa nsibuha f'żewġ poeżiji oħra, *L-Imħabba ta' Missier*, ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, u *Sejħa*, ta' Dun Karm, it-tnejn ifissru ċar dik il-għajta ta' uġigħ u ta' biki, dik it-tnehida u l-qtigħ il-qalb ta' missier, quddiem il-biża' tal-mewt li jistħajjilha mdendla fuq ras ibnu. L-ewwel waħda hi mqassma f'erba' qatgħat, li l-poeta sejjaħ sunetti, marbuta b'ħarira ta' ħsieb; it-tieni waħda miġbura taħt tlitt irjus *Dar il-Hena*, *Dar is-Salib*, u *Dar il-Faraġ*; fit-tnejn hemm mewġa ta' swied il-qalb li fuqha waqtiet jilma xaqq dawl ta' tama, ta' talb u ta' ħniena. L-ideja fissies tagħha bejn wieħed u ieħor l-istess, biss fil-waħda nsibu tirqim, tixbih, u tiswir aħjar minn ta' l-oħra.

Ġużè Muscat-Azzopardi, għalkemm issiblu nuqqasijiet 'l hawn u 'l hinn, għandu l-mertu tiegħu għax irnexxielu jiġbor l-ideja ġo qoxra ta' ġellewża u jfissirha tajjeb jew ħażin b'mod li jimpressjona u jogħġob. Esklamazzjonijiet, mistoqsijiet, u kliem u frażijiet maqtugħa, issib ħemel, imma dawk juru l-istat tal-moħħ imħasseb u mbeżża' tal-missier. Dawk ma jagħmlu ebda difett. Id-difett insibuh f'versi maħlula, għajjiena u mġebbda bħal "u ma jkunx aktar hawn miegħi?", u fi ħsibijiet u deħriet li ma huma xejn poetiċi:

*Jien inħossni ġa stordut:*
*Hanin Alla, żommli driegħi,*
*Jekk narah ħiereġ f'tebut!*

Fis-*Sejħa* nsibu rappreżentati b'mod straordinarju s-sempliċità u n-naturalezza li, imħaddma bis-sengħa meħtieġa, mirquma bil-fantasija msejsa fuq ir-rejaltà, ħadu f'idejn Dun Karm dik il-ħlewwa artistika li tat lill-poeżija xejra tabilħaqq umana. Hawnhekk illi wieħed isib dalbaħar ta' divrenzja bejn dawn iż-żewġ poeżiji: il-ħsieb hu fil-qalba tiegħu xorta, b'xi tirqim u ħilijiet żgħar li ma jixxebhux—imma l-waħda tħalli kiesħa l-immaġinazzjoni ta-poeta, l-oħra twassalha sa l-ogħla element li jżomm ħaj il-ħsieb, u fuq ix-xwiek il-qalb, tal-qarrej. Ġużè Muscat-Azzopardi kien għadu nieqes minn dik il-ħila rappreżentattiva ta' dak li kien iħoss f'qalbu u jara fi ħsiebu.

Imma, bl-esperjenza u biż-żmien, Ġużè Muscat-Azzopardi beda jnaqqax fil-poeżija tiegħu l-ħajja u l-arti, u jagħniha b'qawwa u rabta ta' ħsibijiet għammieqa, ta' sentimenti sostanzjali u immaġinazzjonijiet konkreti, li fihom il-ġmiel jidher bħala ħaġa mwielda biss mill-ispirazzjoni. It-tqanqil liriku kien jidher ġej mill-qiegħ ta' qalbu. Il-mixi ħafif tal-versi, b'ħażna ta' kliem meqjus u magħżul; l-ilwien kotrana ta' xgħil-il-ħsieb, mitfugħa fejn l-aktar joqogħdu; l-istil ħaj, sabiħ, u mnaddaf minn kull xkiel u toqol; il-għażla ħlokha u n-nisġa mżewqa tas-suġġetti li jolqtu u jhennu; it-tinqix artistiku tax-xbihat miqquma b'għadd wiesa' ta' idejat ta' ġmiel—dawn kienu ftit mill-karatteristiki ewlenin li sawru l-poeżija—poeżija tabilħaqq—ta' Ġużè Muscat-Azzopardi. U nistgħu ngħidu dil-poeżija, miktuba kif titlob is-sengħa, kienet minn ta' l-ewwelnett li nibtet

fil-qasam tal-letteratura tagħna, u b'riħitha... u biż-żerriegħa li ferrxet, il-ward kiber fil-għadd u kotor, u sbieħ u sebbaħ.

Bla dubju ta' xejn waħda mill-poeżiji sbieħ ħafna ta' Dun Karm hi *L-Ewwel Xita*, biċċa xogħol lirika li fiha nsibu, biex insejħulu hekk, is-sentiment tan-natura, kif narawh f'*Il sabato del villagio* u *La Quiete dopo la tempesta* ta' G. Leopardi. Sħiħa fil-ħsieb u fil-kelma, did-daqsxejn ta' poeżija toqgħod fost l-aħjar li għandu Dun Karm. Imma ma tagħmlilhiex għajb il-poeżija *Xita* ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, miktuba fuq it-tletin sena qabel dik ta' Dun Karm. Is-suġġett hu wieħed, imma waqtiet ix-xejra tal-ħsieb taż-żewġ poeżiji titbiegħed qatigħ: Ġużè Muscat-Azzopardi ifaħħar ix-xita u juri l-ġid u r-riżq li ġġib magħha; Dun Karm jagħti deskrizzjoni tal-ħin ftit qabel ma tinżel ħalba xita u, hu wkoll, juri l-ġid u l-ġmiel li nħasslu minnha. Iż-żewġ poeżiji fihom il-qawwa tal-kelma u s-saħħa tal-ħsieb.

Hawnhekk il-ħajja letterarja ta' Ġużè Muscat-Azzopardi ħadet xaqliba oħra. L-ewwel leħħiet ta' dwal bdew jidhru fuq ix-xefaq imbiegħed tal-letteratura Maltija. Is-seklu 19 kien fit-tmiem tiegħu — Malta sa fl-aħħar fehmet is-sejħa tal-kuxjenza, daħlet fiha nfisha, u għarfet l-individwalità u l-indipendenza tagħha bħala nazzjon li għandu jkollha letteratura għaliha. Mhux għalxejn l-awtur ta' *Nazju Ellul* huwa magħruf bħala l-"Missier tal-Letteratura Maltija." Il-poeżija tiegħu ma tlaħħaqx il-kobor li jisfida u jegħleb it-taqlib u t-tħarbit ta' kull medda ta' żmien, imma fl-istorja tagħna, l-istorja ta' art żgħira bi ġrajjiet kbar, l-istorja ta' poplu magħruf għall-qlubija sħiħa u l-fehma ta' l-azzar li dejjem wera f'din l-istorja għażiża miktuba b'ħidmitna u b'demmna, ismu jibqa' jiddi bħal kewkba sabiħa li tilma hienja fost ġlibiet ta' kwiekeb oħra li jleqqu u jibbru ħajja.

Ġużè Muscat-Azzopardi kien l-ewlieni li ta xejra serja lis-sunett Malti. Mhux dejjem qawwi, u waqtiet deherlu li għandu jitbiegħed mir-regola fissa ta' l-endekasillabu, imma, hu x'inhu, hu li wera li s-sunett bil-Malti jista' jinħadem fuq liema għamla u xeħta tkun. Fil-medda art maħruta u mħawla minnu, Dun Karm żmien wara żera' żerriegħa tajba li tat uċuħ għammiela. Aqra ż-żewġ sunetti *Fieragħ* u *Lilħa* u tara sengħa, intwizzjoni u profondità ta' ħsieb. Sħaħ u qawwija, b'lehma misluta mir-rejaltà tal-ħajja, b'kelma li minn xejn mhi nieqsa, huma ż-żewġ terzini fis-sunett *Fieragħ*:

*Meta tkun waħdek magħluq ġewwa darek,*
*imdejjaq, bla mistrieħ, għajnejk miksura,*
*u tħoss, mirbuħ mill-bżonn, kemm hu kbir għarek;*
*ħares fil-mera: iftakar x'kont il-bieraħ:*
*w istaqsi, bla tnikkir, lil dik is-sura:*
*"Kont inkun hekk, li kieku ma kontx fieragħ?*

Sunett ieħor, *Lil San Franġisk t'Assisi*, hu maħdum tajjeb ukoll, u jidħol fil-qalba tas-suġġett b'mod mill-aħjar u mill-aktar effettiv, imma żgur li l-aqwa sunett ta' Ġużè Muscat-Azzopardi hu *Marsaxlokk*, sew għat-tpittir ħaj, it-tiżwiq, it-tiswir tax-xbihat li jleħħu waħda f'waħda, donnhom tarahom jaqbżu quddiemek, kemm ukoll għal dak is-sens ta' mħabba idejali li jixtered, daqqiet moħbi, u daqqiet bid-dieher, minn strofa għal oħra. Hu kwadru sabiħ ta' pittur magħruf li jpitter xena saj-

fija f'xatt il-baħar. Ifli bir-reqqa das-sunett, u tara kemm fit-tnejn hemm xebh kbir, xebh tal-wieħed imfisser bil-pinzell, ta' l-ieħor bil-pinna, imma fir-ruħ tagħhom hemm ħaġa li fit-tnejn hi xorta: in-naturalezza.

Ġużè Muscat-Azzopardi tana wkoll xi għana popolari li mhuwiex ta' min iġennbu u jwarrbu. L-ewwelnett, b'dal-għana l-poeta tana xempju sabiħ tal-għanja Maltija kif nisimgħuha f'xi lejl sajfi ġejja mill-bogħod, maħruġa safja u sħuna mill-qalb ta' xbejba raħlija, imsieħba bid-daqq meqjus u ferrieħi tal-kitarra. It-tieni, il-poeta għaraf il-karatteristiki li jsawru dan il-għana: ċarezza fil-ħsieb tal-ġrajja, sempliċità fit-tfissir tas-suġġett, u mixja ħafifa ta' versi, l-aħjar u l-eħfef fosthom il-versi tat-tmienja. Aktarx iva milli le, il-ħsieb fundamentali ta' dan il-għana primitiv hu b'mod jew ieħor misluf mit-tradizzjoni. F'dan il-għana popolari ma niltaqgħu ma' ebda bixra filosofika u l-anqas ma' tagħlim morali: dak li nsibu hu biċċa ġrajja, maħduma b'xejriet artifiċjali ta' ripetizzjonijiet u tirqim tekniku. Hemm xebh mhux ħażin bejn dan il-għana u l-poeżija narrativa, imma din ta' l-aħħar hi aktar studjata, miktuba b'reqqa u immaġinazzjoni akbar, u tilħaq livell bil-wisq aktar għoli.

Fergħa oħra ta' min isemmiha fil-ħajja letterarja ta' Ġużè Muscat-Azzopardi hi t-traduzzjonijiet li għamel minn poeżiji bit-Taljan. *Il-Farfett*, maqluba mit-Taljan ta' Luigi Sailer, għaraf jaqlibha bil-Malti kważi kelma b'kelma u ħsieb bi ħsieb. Traduzzjoni mill-aħjar. Hekk ukoll *Biċċa minn 'Cowper'*, li hi traduzzjoni minn traduzzjoni li l-Baruni A. Testaferrata Abela għamel mill-Ingliż.

Iżda Ġużè Muscat-Azzopardi laħaq fl-aqwa ta' l-immaġinazzjoni tiegħu meta kiteb *Lill-Qamar*, *Is-Susa*, *It-8 ta' Settembru* u *Sawl ta' Tarsu* —erba' ġawhriet imxerrda imma qatt mitlufa. *Hacit* u *Qatra ta' l-Ilma* huma żewġ poeżiji oħra, miktuba għall-ħabta tal-1900, li jixhdu kemm kienet għammiela u għammieqa l-fantasija tal-poeta. Nistħajjel minn dak iż-żmien li l-ġwinħajn tal-ħsieb kotran tal-poeta nfethu għal kollox u bdew jittajru fil-għoli. Dak li kien iħoss f'qalbu kien igħaddi u jitterraq fuq l-inkwina ta' ħsiebu, u joħroġ sabiħ u mimli bil-ħajja. Sentimenti reliġjużi mwaħħda ma' l-imħabba tal-pajjiż, sawru l-akbar kunċetti ta' l-aħjar poeżiji tiegħu.

Il-poeżija l-oħra *Ċajta*, miktuba fl-1910, ġibitli quddiem għajnejja ħjelijiet li jien kont ġa qrajt f'*Non Omnis Moriar* li Dun Karm kiteb daqs ħmistax-il sena wara. Ma rrid nagħti ebda xebh taż-żewġ poeżiji: *Non Omnis Moriar* hi poeżija kbira, mill-akbar fi lsienna; iżda *Ċajta* ta' Ġużè Muscat-Azzopardi anqas mhu ta' min jagħtiha l-ġenb. L-ewwelnett l-isem tal-poeżija seta' kien aħjar, għax *Ċajta* mhi ċajta xejn. Fl-ewwel ħames strofi Ġużè Muscat-Azzopardi jurina l-ħajra u l-ħeġġa tiegħu biex jikteb il-poeżija "sa minn meta kien għadu tfajjel, rasu bir-riħ mimlija." Darba "fl-aħjar tal-poeżija", għajnu marret bih......

*U ħlomt... rajt ġmiel ta' xebba riesqa lejja:*
*għajnejha kbar u żoroq,*
*twila, misluta, ħamra daqs pepprina*
*u b'fergħa rand fuq ġbinha...*
*qatt ma kont rajt fit-toroq*
*bħal dak il-lbies: u, meta waslet ħdejja,*
*intbaħt li mal-pass idda*
*f'riġlejha qorq tal-fidda...*

*U b'id ħafifa bdiet tmellisli rasi,*
*li kienet fuq minkbejja*
*mitluqa fuq il-mejda: u baqgħet sejra*
*tqanqalni b'dik ix-xejra,*
*u tħares ħelu lejja,*
*sakemm, bla kliem ta' xejn, kisritli nagħsi.*
*Imbagħad qabditli driegħi*
*u qaltli: "Tiġi miegħi....."*

Ma' dawn xebbah il-versi li ġejjin, meħuda minn *Non Omnis Moriar* ta' Dun Karm:

*Kif kont mitluf, imsaħħar,*
*f'dik in-nagħsa ta' ħlewwa,*
*ħafif daqs berqa, wiċċu wiċċ ta' kewkba,*
*niżel anġlu mis-sema*
*—l-Anġlu tal-Poeżija—*
*u b'dawk xufftejh eħfef mir-riħ li jgħaddi*
*fietel ma' nżul ix-xemx minn l-art għall-baħar*
*biesni bewsa fuq ġbini,*
*u qalli:*
*"Sehmek il-Għana."*

Niltaqgħu ma' tliet poeżiji oħra li ma nistgħux inqegħduhom mal-kbar, għalkemm fihom dik ix-xi ħaġa li tħossha tiġbdek u togħġbok: *Min kien jobsor*, *Hekk hu*, u *Le, mhux hekk*. Imma l-poeżija *Mita?*... tista' tingħadd mat-tajbin ta' Ġużè Muscat-Azzopardi.

Immaġinativa, storja u mħabba jagħżlu l-aqwa tliet poeżiji ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, *Is-Susa*, *Sawl ta' Tarsu* u *It-8 ta' Settembru*. Minnhom tidher ċar daqs il-kristall il-ħila poetika ta' Ġużè Muscat-Azzopardi. Fuqhom bena fil-għoli ismu ta' poeta. Fl-ewwel waħda t-tixbih tas-susa, il-pendlu u l-polz, tħossu dritt jolqtok bl-originalità tiegħu; it-tliet jtektku, donnhom miftehmin biex jeqirdu qajl qajl il-ħajja tal-bniedem: is-susa tgerrem f'biċċa għuda mnawra, il-pendlu jgħodd il-ħin u jnaqqas nifs mill-ħajja, u l-polz, l-istess bħall-kamla, jgħawwar u jherri. It-tieni waħda mibnija fuq l-istorja: il-poeta jiġri ġirja mal-ħajja ta' San Pawl—miż-żjara li Sawl ta' Tarsu, mgħaddab u mfawwar bil-qilla, għamel f'Damasku, saż-żjara bla ħsieb li bis-saħħa tal-mewġ tal-baħar għamel b'riżq tajjeb, fuq nitfa ta' Gżira. It-tielet, poeżija msejsa fuq l-imħabba tal-pajjiż, miktuba bil-ħeġġa ta' qalb Maltija. Kull kelma hi qawwija, kull vers ifisser ideja, kull strofa mimlija b'imħabba sħiħa:

*Oħorġu mill-oqbra minsija,*
*o qraba felħana w rebbieħa,*
*oħorġu wisq aktar qawwija*
*biż-żina tar-rand u tad-demm:*
*barrani ma jtiefes qatt ġieħha*
*ix-xafra li slittu fil-hemm!*

Din il-poeżija għall-qawwa ta' idijat u versi li fiha, għat-tfissir ċar u bla tiġbid tas-sentimenti patrijottiċi u kattoliċi, u għas-saħħa effettiva tal-kelma, żgur tibqa' fost l-ogħla li qatt inkitbu fuq dan is-suġġett. Kliem u versi bħal dawn ma jintesewx kif ġieb u laħaq:

*Uliedkom iġeddu bl-imħabba*
*il-laħam li tilfu ġenbejkom...*
*O xhieda għad-dinja meħtieġa*
*ta' nisel maħqur u rebbieħ!*
*Imrażżan mill-ħerra Maltija*
*id-Dib li kien ġie biex jiblagħhom*
*qatt iżjed tal-Gżira mifdija*
*ma jirfes ix-xtajta b'riġlejh!*

Hi ħaġa li tfisser mhux ftit li wara iżjed minn dsatax-il sena li ilu li miet, Ġużè Muscat-Azzopardi għadu ħaj fostna, ħaj fil-poeżija, fir-rumanzi u f'għadd ta' frieghi oħra letterarji. Kien poeta? Ma nistgħux ngħażlu ħlief ftit mill-ħafna poeżiji li kiteb li, kif naħsbu, jistgħu jħasslu ħajja twila. Imma' dawk il-ftit huma miktuba hekk tajjeb, bla ebda dell li jgħajjibhom, bla ebda nuqqas li jxattarhom, bla ebda tagħwiġ u tiġbid li jkerrahhom, illi ż-żmien, bil-fehmiet mibdula li jġib miegħu, ma jista' qatt jeqridhom. Jekk it-trab taż-żmien bir-raġun kollu ġa difen it-taqbiliet bla siwi li ħażżeż fl-ewwel taqsima ta' ħajtu, b'daqshekk ma qeredx ismu ta' poeta, isem li kiseb bil-poeżiji kbar, fil-veru sens tal-kelma kbar, li aħna għadna naqraw b'għoġba u minnhom nitgħallmu kif il-kelma għandha titħaddem u kif il-ħsieb għandu jissawwar. Ma' tul il-karriera twila tiegħu letterarja hu kien imħabbat u msawwat bi kritka ħarxa, mhux tant għal dak li hu stil u xejra ta' kitba, daqs kemm għall-imħabba tiegħu lejn il-Malti. Ħbiebu kienu jħarsu lejh b'għajn kerha. Ħbiebu kienu jiddieħku bih—bih u bl-Ilsien Malti li hu kien iħobb. Imma fil-qiegħ ta' qalbu dejjem baqgħet sħiħa l-imħabba. u fil-fond ta' ħsiebu l-fehma, li b'xejn ma ttiefset, li l-Malti, fuq dak it-taqlib u t-twegħir taż-żmien, għad żgur joħroġ rebbieħ. U rebaħ tabilħaqq.

GUŻE' CHETCUTI.